18 a' Gunju, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Salvatore Micallef ne. *versus* Giovanni Aquilina

**Kontijiet — Aċċettazzjoni u Approvazzjoni — Talba għal Kontijiet Ġodda.**

*Il-fatt li l-kontijiet ikunu ġew redatti skond l-użu ma jneħħix id-dritt*

*ta' min għandu jirċievi l-kontijiet li jeżiġi li dawk il-kontijiet jiġu kompilati u preżentati fil-forma traċċjata mill-liġi, għalkemm hu prinċipju universalment ammess mid-dottrina u mill-ġurisprudenza illi l-kont għandu jitqies validament kompilat meta jippreżenta fl-insjeme tiegħu l-istat attwali tad-dħul u l-ħruġ, anki jekk ma jkunx għal kollox konformi għall-preskrizzjonijiet tal-liġi.*

*Imma meta l-kont, kif ġie kompilat u preżentat, ikun ġie aċċettat u approvat, ma jistax jintalab kont ġdid.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi John Micallef, matul is-sena 1952, bagħat diversi partiti ta' bhejjem minn Tripoli lill-konvenut sabiex dan jieħu l-ħsieb li jbiegħhom f'Malta għan-nom ta' l-istess John Micallef, bi ftehim li l-konvenut jirċievi kummissjoni fuq il-bejgħ; u illi l-kontijiet tal-ġestjoni mogħtija mill-konvenut ma humiex skond il-liġi, billi ma humiex dettaljati biżżejjed b'mod li jidhru l-ismijiet tal-persuni lil min ġew mibjugħa l-bhejjem, u b'liema prezz, u lanqas ma huma ġustifikati bid-dokumenti relativi; u illi l-konvenut ġie darbtejn interpellat sabiex jagħmel dan, imma inutilment; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat jagħti, fi żmien qasir u perentorju, lill-attur nomine, kontijiet dettaljati li minnhom jirriżultaw l-ismijiet tal-persuni lil min inbiegħu l-bhejjem u b'liema prezz, u jippreżenta d-dokumenti ġustifikativi li jirrigwardaw il-konsenji kollha tal-bhejjem li John Micallef għamel lill-konvenut matul is-sena 1952. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali tat-2 ta' Frar u tas-6 ta' Frar 1952;

*Omissis;*

Semgħet lid-difensuri, u għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

Bejn is-17 ta' Jannar u s-16 ta' Ġunju 1952, il-fuq imsemmi John Micallef f'diversi drabi bagħat bhejjem in konsenja lill-konvenut, sabiex dana jbiegħhomlu, u kull darba bagħatlu l-kontijiet relativi redatti fil-manjera li juru d-dokumenti fil-fol. 19 sal-fol. 34 inkluživament tal-proċess;

Il-kontijiet li l-konvenut kien jibgħat lill-attur, redatti fil-manjera fuq indikata, ġew magħmulin skond l-użu, jiġifieri kif, skond l-użu, jiġu redatti l-kontijiet li jiġu mogħtija minn min ikun irċieva u biegħ bhejjem riċevuti in konsenja

(depit ta' John Cachia fol. 46, ta' Lewis Radmilli fol. 47, ta' Paolo Falzon fol. 47 tergo);

L-attur ma baqgħax jibgħat bhejjem lill-konvenut, u fl-ittra tiegħu tat-8 ta' Lulju 1952, spjegalu ċar illi r-raġuni kienet dik illi, peress li fi Tripoli l-bestjam kien qiegħed jonqos, ma setax jesporta aktar mill-kwantità li kien qiegħed jibgħat lil missieru.............. Fl-istess ittra l-attur irringrazzja lill-konvenut għas-serviġi li dan kien irrendielu waqt li kellhom relazzjonijiet kummerċjali bejniethom, u qallu li dawk ir-relazzjonijiet kienu wisq soddisfaċenti, u nfurmah ukoll li kien ta fuqu lil ċertu Jusef Nemni riferenzi tajbin ħafna...........;

Fit-30 ta' Ottubru 1952, l-attur kiteb lill-konvenut biex jitolbu jibgħatlu kopji tal-kontijiet li kien bgħatlu għal kull konsenja ta' bhejjem li kien għamillu, u spjegalu li dawk il-kopji kellhom ikunu facsimile ta' l-oriġinal, u spjegalu illi kien qiegħed jagħmillu dik it-talba għar-raġuni li kien sab ruħu kostrett jippreżenta l-oriġinali lill-Awtoritajiet ta' Tripoli, u intant kellu bżonnhom tant għall-użu ta' l-uffiċċju kif ukoll għad-Dipartiment Fiskali ta' Tripoli...........;

Ċirka xahar u nofs wara l-attur innomina lill-imsemmi Salvatore Micallef, missieru, prokuratur ġenerali tiegħu go Malta, in atti Avv. Renato Fazio, Notaio per la Tripolitania, tas-6 ta' Diċembru 1952 (fol. 5);

Sadattant qam l-inkwiet bejn l-attur u missieru minn naħa waħda, u l-konvenut, ħatinhom, billi hu miżżewweġ lil oħt l-attur, minn naħa l-oħra..............;

Ċirka xahar u nofs wara, l-imsemmi Salvatore Micallef, iben l-attur, fil-kwalità tiegħu ta' prokuratur ta' l-istess attur, ġie 'l quddiem bl-istanza odjerna, sabiex il-konvenut jiġi kundannat jagħti kontijiet dettaljati, billi jippretenda illi l-kontijiet fuq indikati, li l-konvenut irrenda, ma kienux skond il-liġi, għaliex mhux dettaljati biżżejjed b'mod li jidhru l-ismijiet tal-persuni lil min ġew mibjugħa l-bhejjem u b'liema prezz, u biex jippreżenta d-dokumenti ġustifikativi;

In segwitu, l-istess Salvatore Micallef nomine............. eżibixxa ittra ta' l-attur.............;

Din l-ittra telimina l-eċċezzjoni tal-konvenut illi l-imsemmi Salvatore Micallef bħala prokuratur ta' l-attur ma kellux

id-dritt li jqajjem minn rajh il-kwistjoni odjerna fuq il-kontijiet, li minnhom l-attur wera ruħu soddisfatt. Imma jekk tassew l-attur wera li kien soddisfatt mill-kontijiet li bgħatlu l-konvenut, u kif dana bagħthomlu, u wara approvahom, allura lanqas hu ma *jista' jitlob li jiġu lilu reżi mill-ġdid kontijiet* fil-forma traċċjata mil-liġi — forma li mhix preskritta "a pena di nullità". Fil-każ preżenti, kif ġa fuq ġie aċċennat, il-kontijiet ġew redatti kif, skond l-użu, jiġu magħmulin il-kontijiet minn min ikun irċieva u biegħ bestjam li jkun ġie lilu mibgħut in konsenja. Kif sewwa ssottometta l-attur nomine, dak l-użu ma jneħħix lill-attur *id-dritt li jeżiġi* li l-kontijiet jiġu kompilati u preżentati fil-forma traċċjata mil-liġi, għalkemm hu prinċipju universalment ammess mid-dottrina u mill-ġurisprudenza illi l-kont għandu jitqies validament kompilat meta jippreżenta, fl-insjeme tiegħu, l-istat attwali ad-dħul u tal-ħruġ, anki jekk ma jkunx għal kollox konformi *għall-preskrizzjonijiet tal-liġi* (Mattirolo, III, 721 — Giurisprudenza Cas. 1, 303). Imma jekk l-attur ikun aċċetta dawk il-kontijiet kif ġew kompilati u lilu preżentati, u jkun approvahom, allura ma jkunx jista' jitlob kontijiet ġodda; għaliex huwa prinċipju iehor "di diritto" illi, meta l-kont jiġi approvat, jew b'sentenza tal-maġistrat, jew bil-kunsens talpartijiet, ma *jistax ikun hemm aktar lok għal kwistjonijiet* fuqu, ħlief għar-rettifikazzjoni f'każ ta' żbalji, ommissjonijiet, falsità jew duplikazzjonijiet ta' partiti; u dan għaliex, kieku kellhom jiġu permessi t-talba għal kontijiet oħra ġodda u t-talba għar-reviżjoni tal-kont, li tikkonsisti fir-rikostruzzjoni tiegħu f'kull partita, dan ikun kuntrarju għal-liġi tal-kuntratt, jew għall-awtorità *tal-ġudikat*, skond il-każ. "Ottenuto il risultato dell'approvazione definitiva del conto, o per sentenza del magistrato, o per consenso delle parti", igħid Mortara, "non può per verun motivo essere rinnovata la controversia generale intorno ad esso" (Vol. III, pag. 766);

U Mattirolo, fl-opra ċitata, jikteb:— "Un principio di diritto, universalmente ammesso dalla dottrina e dalla legislazione, reca che del conto stato approvato col mezzo di una

convenzione fra privati, o col mezzo di una sentenza che abbia fatto passaggio in cosa giudicata, non si fa più luogo a revisione, ma ne è solo possibile la rettificazione..............'' (pag. 733) ;

Issa, fil-każ in diżamina, il-konvenut bagħat lill-attur, kompilati fil-manjera fuq indikata, skond l-użu, diversi kontijiet fil-perijodu ta' ħames xhur; u qatt l-attur ma għamillu osservazzjoni dwar il-forma li fiha dawk il-kontijiet kienu qegħdin jiġu redatti. Inoltre, meta spiċċaw ir-relazzjonijiet kummerċjali ta' bejniethom, u l-attur irringrazzja lill-konvenut għas-serviġi li kien irrendielu l-attur, ma qajjem l-ebda kwistjoni dwar il-kontijiet — la dwar il-manjera li biha kienu ġew kompilati, u lanqas dwar il-kontenut jew l-eżattezza tagħhom. Jirriżulta wkoll li l-attur inqeda b'dawk il-kontijiet meta ġie mitlub mill-Awtoritajiet ta' Tripoli biex jispjega xi dettalji jew ċirkustanzi dwar l-esportazzjoni tal-bestjam, u ppreżenta dawk l-istess kontijiet, u talab lill-konvenut biex jibgħatlu kopji tagħhom — ''facsimile of the originals'' — għall-użu ta' l-uffiċċju tiegħu u għad-Dipartiment Fiskali ta' Tripoli. Dana kollu ma jistax ma jurix li l-attur, mhux biss aċċetta dawk il-kontijiet fil-manjera kif ġew kompilati, skond l-użu, kif kwindi preżumibilment kien jirċevihom minn għand negozjanti oħra, u kif jirċevuhom importaturi oħra ta' bestjam in konsenja, imma li approvahom ukoll; u għalhekk, konformement għall-prinċipji fuq enunċjati huwa ma jistax jitlob kontijiet oħra ġodda;

Għaldaqstant tiċħad it-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż.

---